Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 841/2004

**John Micallef**

**Vs**

**Robert Tabone**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta’ l-attur li fih qal:

1. Li xtara “TV minghand Top Choice”.

2. Li f’Mejju, 2003 l-attur informa lit-Top Choice li thassar is-sound.

3. F’Settembru, 2003 Top Choice hadu t-TV il-workshop ghal gimghatejn.

4. Is-sound baqa’ hazin u f’Jannar, 2004 it-Top Choice hadu t-TV ghall-sitt (6) gimghat.

5. Is-sound baqa’ hazin u ghalhekk l-attur talab il-flus tat-TV lura.

6. Top Choice qal li s-sound kien tajjeb u rrifera l-attur ghall-*Consumer Division*.

7. Il-*Consumer Division* irrifera lil dan it-Tribunal.

L-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta’ Lm254.00c (mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin), bl-ispejjez.

Ra li ghalkemm debitament notifikat Robert Tabone naqas li jipprezenta Risposta jew jidher fil-kawza.

Sema’ lill-attur li qal li xtara t-television bil-prezz ta’ Lm149.00c (mija u disgha w erbghin lira Maltin). L-attur qal li ghalkemm ha t-television darbtejn ghand il-konvenut, il-konvenut ma rnexxilux isewwi l-hsara.

L-attur qal li jippretendi:

1. Lm149.00c (mija u disgha w erbghin lira Maltin) prezz tat-TV.

2. Lm5.00c (hames liri Maltin) tar-registration tat-television, u

3. Lm100.00c (mitt lira Maltin) bhala danni billi gie “mcahhad mid-dritt ghall-informazzjoni” ghal sena.

L-attur gie avzat li ahjar ikellem avukat izda qal li ma riedx jonfoq spejjez.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza **William Rizzo ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Rizzo Mobili Limited Vs Victor Zammit** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Dicembru, 1997:

“Ezami tad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili li jirrigwardaw il-kompravendita jindikaw li x-xerrej li jsofri

danni jista' jitlob rizarciment minghand il-bejjiegh fiz-zewg kazijiet imsemmija (meta l-merkanzija m'hijiex tal-kwalita' pattwita jew meta hemm difett latenti. Ir-rekwiziti u l-konsegwenzi ta' zewg azzjonijiet, izda, huma differenti hafna."

L-azzjoni ghad-danni derivanti min-nuqqas ta' konformita' ta' l-oggett mibjugh il-kwalita' miftiehma tohrog mill-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap 16):

"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."

Illi l-Artikolu 1427 tal-Kap 16 jipprovdi li:
"The buyer may elect either, by instituting the *actio redhibitoria*, to restore the thing and have the price repaid to him, or, by instituting the *actio aestimatoria*, to retain the thing and have part of the price repaid to him as determined by the court."

Dawn fil-kawzi meta hemm:

"Latent defects which render it unfit for the use which it is intended, or which diminish its value to such an extent that the buyer would not have bought it or would have tendered a smaller price, if he had been aware of them." (Artikolu 1424 Kap 16).

Bhalma gie deciz fil-kawza **Rizzo Vs Zammit** fuq imsemmija kien id-dover ta' l-attur jekk ried li jesperixxi l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1390 li jkun car u preciz fil-premessi u t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni. Dana l-obbligu jitnissel mill-Artikolu 156 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) li jobbliga lill-attur fic-citazzjoni li jaghti:

"Tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba."

Huwa risaput lill-kawzali tac-citazzjoni hija dik li hemm espressa fic-citazzjoni u ma tistax tinbidel. Jekk

imbaghad il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, d-decizjoni taghha tkun extra petita (ara f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet **John Aquilina Vs Giovanni Coleiro nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1949 Vol XXXIII. I. 748.  Hekk ukoll:

"Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda (**Giuseppe Debono Vs Chev. Antonio Cassar Torreggiani** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Dicembru, 1952)."

Illi jekk l-azzjoni ta' l-attur temani mill-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili allura missu talab jew li jirritorna t-TV u jiehu l-flus li hallas jew li jzomm it-TV u jircievi mill-flus li hallas.

Il-problema f'din il-kawza hi li l-attur talab li jiehu l-prezz li hallas, Lm5.00c (hames liri Maltin) tar-registrazzjoni tat-TV u Lm100.00c (mitt lira Maltin) danni u dan meta t-TV ma giex depozitat fil-Qorti.

Illi jidher mill-Artikoli 1390 u 1427 li dawn ir-rimedji ma jinsabux fil-ligi.

Fil-kawza **Falzon Vs Aquilina** Kollez. XXIX – 111 – 51 gie ddikjarat:

"L'esistenza di vizi o difetti occulti che rendono la cosa inadatta o meno atta all'uso a cui e' destinata, da' sempre luogo alla sola azione redibitoria, anche se la qualita' mancanti siano state espressamente pattuite delle parti."

Illi t-Tribunal isib diffikulta' li jaccetta li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lura l-prezz tax-xiri ta' l-oggett u l-ammont ta' Lm100.00c (mitt lira Maltin) danni, meta m'hemmx Artikolu tal-ligi li jiggustifika din it-talba.

Illi l-attur ma jistax jippretendi li jzomm it-TV u jiehu l-flus li hallas lura.  It-Tribunal ma jistax jaghti sentenza kif jidhirlu u jinjora t-talba.

Illi anki skond il-*Consumer Affairs Act (Directive 99/44)* l-attur ghandu d-dritt li jinsisti li jsiru r-riparazzjonijiet jew li jiehu "an appropriate reduction in price" jew li jitlob il-kancellament tal-kuntratt.

Skond l-Artikolu 1429 (1) tal-Kodici Civili l-bejjiegh jista' jigi kkundannat ihallas danni jekk jirrizulta li kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha. Illi m'hemmx provi f'dan is-sens f'din il-kawza.

Ghalhekk it-talba attrici hija michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------